MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 165/2010

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

(a) Illi l-esponent A B kien izzewweg lill-konvenuta fil-11 ta' Mejju 1991 Dok A;
(b) Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u/jew fuq id-drittijiet u dmirijet essenzjali taghha kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
(c) Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat peress li kien inkiser bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja

mizzewga jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet;
(d) Illi ser jirrizulta wkoll simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg;
(e) Illi di piu, iz-zwieg per se qatt ma gie konsumat;
(f) Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ukoll ai termini ta' l-artikoli l-ohra relevanti taht l-att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet;

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(a) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel li z-zwieg mertu ta' dan ir-rikors ghandu jigi dikjarat null u bla effett izda dana minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, inkluz il-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur A B u l-intimata C D jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha taghha l-intimata taqbel li z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi izda dan ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-istess attur.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

L-attur jikkontendi li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghaliex il-kunsens tal-intimata kien vizjat b’difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll li l-kunsens tal-intimata kien vizjat peress li l-kunsens tal-intimata kien vizjat bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, fosthom l-att taz-zwieg innifsu *stante* li huwa jikkontendi li z-zwieg qatt ma gie kkunsmat. L-attur jispjega li z-zwieg bejn il-partijiet sehh fi zmien ftit xhur. Hu jispjega li l-intimata mill-ewwel uriet entuzjazmu ghaz-zwieg u dan l-entuzjazmu jorbtu mal-fatt li wara xahrejn li kienu bdew johorgu flimkien, l-intimata kellha argument shun ma’ missierha. L-attur jirrakkonta li wara dan l-incident, l-intimata qaltlu r-raguni vera ghala kienet telqet mid-dar, u cioe’ li missierha kien ilu jabbuza minnha sesswalment ghal snin twal. Il-Qorti f’dan l-istadju taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell esebita a fol 38 tal-process u li permezz taghha l-attur juri li dan l-abbuz verament sehh fil-konfront tal-intimata. Kienu dawn ic-cirkustanzi li wasslu lill-partijiet sabiex jizzewgu fi zmien erba’ xhur mid-data ta’ meta l-intimata telqet mid-dar. Tant sar kollox ta’ malajr li omm l-intimata kellha tiffirma ghaz-zwieg, peress li l-intimata kienet ghadha taħt l-eta’. L-attur jirrakkonta kif ghat-tieg il-familja tal-intimata ma kienitx partecipi ghaliex l-intimata kienet ghaddejja minn perjodu ta’ rabja kbira.

L-attur jghid li l-bidu taz-zwieg taghhom kien karatterizzat minn tensjoni kbira minhabba l-proceduri kriminali li kienu ghaddejjin kontra missier l-intimata, anke minhabba l-fatt li

l-konvenuta kellha taghti x-xhieda taghha dwar x'kellha tghaddi minnu fiz-zmien tal-abbuz.

L-attur jghid ukoll li l-ulied frott ta' dan iz-zwieg ma kienux pjanati u li kien jaghmel hiltu ghal uliedu peress li l-intimata kienet ghaddejja minn zmien ikrah ta' *depression*. Hu jishaq li z-zwieg huwa null u bla effett ghaliex l-intimata izzewget biex tahrab mill-problemi tad-dar filwaqt li hu kien ukoll konfuz minhabba l-istess cirkustanzi.

**__Il-verzjoni tal-intimata__**

L-intimata tikkonferma li z-zwieg bejn il-partijiet sehh fi zmien ftit xhur. Tghid ukoll li l-attur ghandu kondotta hazina u li ghalhekk il-familja taghha ma kienux kuntenti bih izda tikkonferma li missierha kien ilu jabbuza minnha sesswalment ghal snin twal u li l-argument shun li kellha ma' missierha kienet l-opportunita' perfetta sabiex titlaq mid-dar. L-intimata tghid li dan iz-zwieg sar ukoll minhabba l-fatt li omm l-attur qaltilhom li ma kienitx ser tippermettilhom jghixu taħt l-istess saqaf minghajr ma jizzewgu (u dan peress li l-intimata marret tghix ghand il-genituri tal-attur meta telqet mid-dar tal-genituri taghha). Tghid ukoll li fil-ftit xhur li kienu gharajjes, ma kellhiex iz-zmien li ssir tafu sew u ssir taf il-karattru tieghu.

L-intimata tiddeskrivi l-hajja mizzewga bhala 'orribbli' ghaliex tghid li l-karattru tal-attur huwa wiehed dominanti tant li tghid li lanqas biss kellha l-ghazla li taghzel il-hwejjeg u li taghzel x'ser tiekol. Tghid ukoll li l-attur kien jghajjarha bil-passat ikrah taghha u tghid li kien hu li zammha 'il boghod mill-familja taghha.

**__Il-Mertu tal-Kaz odjern__**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-11 ta' Mejju 1991 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Il-Qorti tirrileva li l-premessa li z-zwieg tal-partijiet ma kienx ikkunsmat ma tistax tintlaqa' u dan ghaliex frott ta' dan iz-zwieg twieldu 3 ulied.

Ghalhekk il-Qorti trid tezamina jekk hemmx l-elementi necessarji sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett abbazi taz-zewg bazi migjuba quddiem il-Qorti.

**Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-konvenuta minhabba anomalija psikologika serja kienet inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"**.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma***

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in vista tal-fatt li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minhabba c-cirkustanzi koroh fid-dar tal-intimata u li proprju minhabba fihom spiccat biex telqet mid-dar. Jirrizulta bl-aktar mod car li z-zmien tal-gherusija tal-partijiet kienet karattarizzata minn episodji ta’ tensjoni, ta’ rabja kbira u ta’ ghaggla sfrenata biex ifittex isir dan iz-zwieg. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li anke f’dawn il-ftit xhur li l-partijiet kienu flimkien, zgur li ma kellhomx l-opportunita’ li jsiru jafu lil xulxin ghaliex anke kieku kellhom relazzjoni normali (li din zgur ma kienitx), dawn ix-xhur ma kienux ikunu bizzejjed sabiex isiru jafu verament lil xulxin u jaslu biex jaghtu l-kunsens taghhom ghaz-zwieg. Ghall-kuntrarju, z-zmien tal-gherusija kien karatterizzat mill-harba tal-intimata mill-abbuz ta’ missierha, mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija u fuq kollox mill-konfuzjoni li z-zewg partijiet jikkonfermaw. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll li d-decizjoni ghaz-zwieg (jekk tista’ tissejjah hekk) ma kienitx bazata fuq xi element ta’ mhabba jew decizjoni vera li l-partijiet riedu verament jew ghall-anqas fehmu x’inhu z-zwieg. Raw biss iz-zwieg bhala s-soluzzjoni ghall-problemi taghhom u xejn aktar. Dan juri li l-partijiet ma kellhomx dik il-maturita’ bizzejjed sabiex jevalwaw jekk verament riedux jidhlu ghal dan iz-zwieg jew le.

**<u>Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-intimata inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva, li l-partijiet ma gabu ebda prova li xi wiehed jew wahda minnhom eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Kif diga' kellha l-opportunita' li tghid il-Qorti, zgur li ma rrizultax li dan iz-zwieg ma kienx kunsmat ghaliex twieldu tlett ulied.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

---

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------